MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 194/2014

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda wild;
2. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba illi l-intimata abbandunat lil zewgha wara biss gimgha miz-zwieg taghhom;
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto ghal dal-ahhar hdax-il sena u ghalhekk m’hemm l-ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;
4. Illi r-rikorrent gie debitament awtorizzat jipprocedi b’separazzjoni personali minn ma martu, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta’ digriet datat sitta u ghoxrin (26) ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) (kopja ta’ liema digriet jinsab hawn esebit u mmarkat Dok A);

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita’ data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi jekk ikun hemm il-htiega u bin-nomina ta’ nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta’ kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghal ragunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimata, li abbandunat lil zewgha hdax-il sena ilu;
3. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;
5. Tiddividi gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;
6. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ hall taz-zwieg bejn il-partijiet fejn l-attur jikkontendi li z-zwieg tieghu mal-intimata tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess intimata.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimata giet debitament notifikata, hija baqghet ma prezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTUR</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], l-attur jghid li ltaqa' mal-intimata meta kellu biss wiehed u ghoxrin (21) sena meta kien ghadu mmatur, b'dan li ftit kien jahseb fuq il-konsegwenzi ta' dak li kien jaghmel tant li kien anke jaghmel uzu minn xi sustanzi. Jghid li l-intimata ndunat li setghet iddawru kif trid. Jispjega li minn informazzjoni li taghtu hi, taghtu x'jifhem li kienet gejja minn familja sinjura tant li dejjem kien ikollha l-flus f'idejha, izda sussegwentement kien induna li fil-verita' l-flus kienu gejjin mix-xoghol taghha li kienet taghmel bla ktieb. Jispjega wkoll li l-intimata ma damet xejn biex tghidlu li thobbu u li riedet tizzewweg. Kienet tghidlu li skond ir-religjon taghha ma setghetx tkun intima mieghu qabel iz-zwieg. Izid jghid li minkejja li l-intimata bdiet twaqqa' kull argument li beda jgib sabiex ma jizzewgux, fl-ahhar qaltlu li jekk ma jizzewwighiex, kienet ser titilqu. Peress li kien mignun fuqha, accetta li jizzewgu.

Jghid li meta qal lil tal-familja tieghu li kien ser jizzewweg lill-intimata, nqala' inkwiet kbir. Il-familjari raw li kien wisq immatur ghal dan il-pass u li ma kienx preparat. Il-genituri tieghu sahansitra rrifjutaw li jiltaqghu maghha u anke l-habib tieghu Joseph Azzopardi qallu li kien ser jaghmel gennata izda minkejja dan kollu, xorta wahda kien deciz li jizzewwigha biex ma titilqux. L-intimata bdiet tippressa biex isir iz-zwieg u hekk sar. Il-familjari tieghu m'attendewx ghaliex kienu kontra dan iz-zwieg. Hekk kif izzewgu, beda l-inkwiet ta' bejniethom ghaliex wara c-cerimonja, l-intimata gabet l-iskuza li kienet qed thossha ma tiflahx u ghalhekk il-partijiet ma kienux intimi flimkien. Damet iggib skuza li ghadha m'hijiex qed thossha tajba ghal gimgha shiha meta gurnata minnhom, l-attur irritorna d-dar u ma sabhiex hemm. Lanqas hwejjigha ma kienu hemm. Kull tentattiv sabiex jaghmel kuntatt maghha kien inutili u ghalhekk, wara ftit jiem rega' mar lura ghand il-genituri tieghu ghaliex induna li l-intimata kienet hadmitu u zzewgitu biss sabiex iggib ic-cittadinanza u xejn aktar. Jghid li minn mindu telqet mid-dar, ghaddew hdax (11) –il sena u qatt ma rega' kien hemm kuntatt maghha aktar. Jaghlaq billi jghid li ma jixtieqx li jibqa' marbut ma' mara fi zwieg falz u kien proprju ghalhekk li ghamel din il-kawza.

[1] Esebit a fol 21 tal-process

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' Stephen B[2] li jigi missier l-attur, li jikkorrabora l-istorja tal-attur u jikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif dedotta mill-istess attur. L-istess jista' jinghad ghall-affidavit ta' omm l-attur, u cioe' Anne B[3] fejn ippruvat tiftah ghajnejn binha fis-sens li fl-Ingilterra hafna barranin jizzewgu nies ta' nazzjonalita' Ingliza ghall-konvenjenza u li ma riditux jghaddi minn xi storja simili. Permezz tal-affidavit tieghu, Brian B[4] ukoll jikkorrabora l-fatti u l-verzjoni kronogolika li jaghtu l-attur u l-genituri tieghu.

Il-hbieb tal-attur Joseph Azzopardi[5] u Kyle Grima[6] it-tnejn jikkonfermaw il-fatti kif rakkontati mill-attur.

Illi permezz tan-nota guramentata tieghu[7] ,ir-rikorrent isostni li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tigi attribwita lill-intimata abbazi ta' abbandun li sehh gimgha biss wara z-zwieg u qatt ma regghet ghamlet kuntatt mieghu. F'dan il-kuntest jiddikjara li l-intimata ddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment. Jiddikjara li l-ahhar kuntatt maghha sar fis-sena 2003 u cioe' aktar minn hdax (11) –il sena ilu. *Stante* li jahdem, mhux qed jitlob manteniment minghandha. Ulied ma twieldux anke *stante* li z-zwieg ta' bejn il-partijiet qatt ma gie kkonsmat. Jiddikjara li sa' fejn jaf hu, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn peress li l-hajja matrimonjali taghhom damet biss sebat (7) ijiem. Izda jiddikjara li jekk l-intimata ghamlet xi dejn ad insaputa tieghu, dan ghandu jigi assenjat lilha b'mod esklussiv.

---

[2] Esebit a fol 23 tal-process

[3] Esebit a fol 25 tal-process

[4] Esebit a fol 27 tal-process

[5] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 37 tal-process

[6] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 38 tal-process

[7] Esebita a fol 44 tal-process

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li mill-provi ma tirrizulta ebda prova dwar xi assi li jistghu ikunu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tenut kont tal-fatt li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u lil zewgha, l-Qorti thoss li huwa ekwu li jigi dikjarat li f'kaz li jirrizulta xi dejn li jkun sar mill-intimata, dan ghandu jithallas b'mod esklussiv mill-istess intimata. Kwantu ghal xi kontijiet bankarji, l-Qorti thoss li kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha. Dan qiegħed jinghad minkejja li l-attur jiddikjara li m'hemm xejn bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejniethom.

**DWAR IT-TALBA GHALL-HALL TAZ-ZWIEG JEW SEPARAZZJONI PERSONALI**

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a)"***Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57..”***

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-attur hekk kif ikkorraborata mix-xiehda tal-genituri tieghu u xhieda ohra u li ghalhekk bl-ebda mod m'hija kontradetta, (ghalkemm irid jinghad li ma tressqu ebda provi da parti tal-intimata peress li hija kontumaci f'dawn il-proceduri), l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal ħdax (11) –il sena u fuqhom. Mix-xiehda tal-attur jirrizulta li l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` snin u konsegwentement l-ewwel kriterju tal-ligi huwa sodisfatt. Il-fatt li l-istess intimata donnha sparixxiet ghaliex qatghet kull forma ta' kuntratt mal-attur iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet. Dan qiegħed jingħad anke abbazi tal-fatt li l-istess intimata ilha li abbandunat id-dar matrimonjali ghal snin twal u qatt ma regghet irritornat. *Stante* li m'hemm ebda talba ta' manteniment da parti tal-attur u *stante* li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali taghha flimkien ma' zewgha u konsegwentement iddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment, allura jirrizulta li m'hemm ebda raguni valida ghaliex t-talba ghall-hall taz-zwieg m'ghandhiex tigi milqugha.

**<u>DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx

sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-intimata hija hatja ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali li hija kkommettiet u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimata l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[2] Tilqa' t-tieni talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet minhabba abbandun da parti tal-intimata;

[3] Tilqa’ it-tielet talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba ;

[5] Tichad il-hames talba abbazi ta’ nuqqas ta’ provi;

[6] Tilqa’ s-sitt talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------